MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 462/1997/1

Angiolino Sciberras
vs
Chairman Airmalta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' April 1993 u ta' Novembru 1993 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax l-promozzjoni li applika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa kien ilu impjegat mal-kumpanija ta' l-AirMalta mill-1987 u dejjem baqa' fl-istess grad li dahal fih, jigifieri ta' Clerk III. Kemm ilu mal-kumpanija huwa hadem fis-sezzjonijiet tal-Cabin Crew, Finanzi u Passenger Handling. Huwa dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar

abbilita` u efficjenza. Huwa qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu. Illi meta sar l-Appraisal Report huwa dejjem kellu marki tajbin u kliem ta' tifhir mis-superjuri tieghu u kien ukoll rakkomandat ghall-promozzjoni.

Illi fit-30 ta' Gunju 1992 u fl-14 ta' Settembru 1993 kienu hargu sejhiet ghall-mili ta' postijit fil-Gradi ta' Assistant Officer Flight/Field Services. Huwa qaghad ghall-ezami kif ukoll attenda ghall-interview. Ghalkemm fiz-zewg kazi huwa hass li mar tajjeb ma kienx fost il-maghzulin. Fl-ewwel kaz il-kumpanija kull ma ghazlet kien impjegat wiehed u dan wara disa' xhur u nofs li harget l-applikazzjoni, meta normalment il-vakanzi jimtlew fi zmien tlett xhur. F'anqas minn hames xhur wara regghet harget kwazi l-istess applikazzjoni. Fit-tieni applikazzjoni kien hemm min ha l-promozzjoni li kellu kwalifiki u esperjenza daqsu jew anqas minnu. Illi fl-10 ta' Novembru 1993 huwa kiteb ittra registrata lic-Chairman fejn talab biex jidher quddiem il-board ta' l-appell mill-promozzjonijiet biex ikun jaf ghala ma nghatax il-promozzjoni. Risposta ta' din l-ittra registrata qatt ma rcieva.

Illi l-AirMalta kienet qieghda timpjega nies fil-grad ta' Assistant Officer fis-Sales Office. Illi huwa fl-20 ta' Jannar 1994 peress li ghandu d-diploma ta' l-IATA talab biex imur jahdem f'din is-sezzjoni. Din id-darba wkoll il-kumpanija irrifjutat it-talba tieghu u impjegat nies minn barra.

Illi huwa hass li l-ingustizzji li saru mieghu kienu minhabba t-twemmin politiku tieghu u konsegwenza ta' dan huwa qieghed jigi mcahhad milli jkompli javvanza fil-karriera tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu u jinghata l-

promozzjoni li kien haqqu, kif ukoll jigi ordnat li jithallas kumpens ta’ kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman Airmalta Company Limited li eccepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li kontrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent ma saret ebda xorta ta’ ingustizzja jew diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi r-rikorrent ma nghatax il-kariga ta’ Assistant Officer Flight/Field Services stante li meta hargu s-sejhiet ghal mili ta’ postijiet f’din il-kariga fit-30 ta’ Gunju 1992 u fl-14 ta’ Settembru 1993 il-kandidati li gew maghzula fiz-zewg kazijiet gabu marki ahjar minn dawk tar-rikorrent (Dok A u B).

2. Illi meta r-rikorrent gab id-Diploma tal-IATA huwa ppretenda li kellu jigi awtomatikament promoss bhala Assistant Officer fis-Sales Office, izda dana ma setax isir stante li r-rikorrent ma kellux esperjenza fil-qasam ta’ l-“airline ticketing” u stante wkoll li kariga partikolari fi hdan is-socjeta` intimata timtela biss wara sejha ghall-applikazzjonijiet u din hija prerogattiva biss tas-socjeta’ intimata.

3. Illi l-Assistant Officers li gew impjegati mis-socjeta` intimata fis-Sales Office dawna kollha kellhom mill-inqas tlett snin esperjenza fl-‘airline ticketing’ kif mitlub mis-socjeta` intimata fl-avviz tas-sejha ghall-applikazzjonijiet li ghamlet (Dok C), liema kundizzjoni r-rikorrent ma ssoddisfax.

4. Illi tant ma saritx diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti li fit-28 ta’ Gunju 1993 huwa kien gie trasferit ghal Passenger Handling Section, fejn kellu jahdem fuq bazi ta’

shifts u b’dan il-mod huwa zied b’mod sostanzjali d-dhul tieghu (Dok D).

5. Illi recentement ir-rikorrent anke gie offrut il-possibilita` li jmur jahdem fis-Sales Department izda r-rikorrent irrifjuta.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem ma’ l-Airmalta fit-13 ta’ April 1987 fis-sezzjoni tal-passenger handling u xi xahar wara mar fis-sezzjoni tal-cabin crew. F’Ottubru 1987 il-probationary period tieghu gie mgedded ghal tlitt xhur ohra u kien trasferit ghad-Dipartiment tal-Finanzi. Qal li lilu qatt ma tawh xi rapport jew raguni bil-miktub ghalfejn giet eztiza l-probation. Fl-1988, 1989 u 1990 kienu hargu l-applikazzjonijet ghal promozzjoni tal-cabin crew fejn kien applika izda ma giex maghzul. Fl-1992 rega’ applika izda l-aplikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata u dahlu jahdmu nies minn barra. F’Marzu 1992 kien applika wkoll ghal post ta’ Officer Accounts, u dana wara li kien ilu jahdem fil-finanzi ghal xi hames snin izda ma kienx maghzul.

Semma li fl-1990 meta kien jahdem il-finanzi kien jahdem ukoll xoghol ta’ kaxxier. F’April 1993 kien applika ghal Assistant Officer Flight Services fejn ghamel interview u ezami u ghalkemm kien hassu li mar tajjeb xorta ma kienx

maghzul. F'Novembru 1993 kien applika ghall-Assistant Officer Field Services u regghu ma ghazluhx. Qal ukoll li fl-10 ta' Novmbru 1993 kien baghat ittra registrata lic-Chairman tal-Airmalta fejn talab biex jidher quddiem il-Bord tal-Appell tal-promozjonijiet biex jikkontesta ghax ma giex maghzul ghal promozzjoni ta' Assistant Officer Field Services li kien ghamel f'April 1993 izda ma kien ha l-ebda twegiba.

Semma li fis-7 ta' Frar 1994 kien gab l-IATA Diploma in Ticketing u kien talab permezz ta' ittra biex imur jahdem fis-Sales Office fil-grad ta' Assistant Officer peress li dak iz-zmien minn kellu dik id-diploma kien qed jitpogga f'dak il-grad u dipartiment izda l-anqas dik ma giet accetata. Ir-rikorrent qal li kien jaf li biex tmur f'certa sezzjoni u f'certi postijiet irid ikun hemm sejha ghall-applikazzjoni pero` hu kien jaf ukoll li kien hemm vacancies u ghalhekk ghamel l-ittra. Sostna li f'dawn l-applikazzjonijiet kienu ntaghzlu nies bl-istess kwalifiki tieghu u b'anqas esperjenza minnu. Qal ukoll li f'certu interviews kienu ntaghzlu nies li kienu anqas kwalifikati minnu. Huwa konvint li l-ingustizzja saret minhabba l-kulur politiku tieghu.

Semma li l-procedura meta ssir sejha ghal mili ta' post ma' l-Airmalta hija li jsir ezami u jsir interview. Qal li fl-ewwel interview hu kien gie l-hames minn seba' applikanti u d-differenza ta' bejn il-marki tieghu u dak li gie l-ewwel hija t-terz ta' dak li gie l-ewwel waqt li fit-tieni interview kien gie t-tnax minn sbatax. Semma li ma kellux fiducja fl-ezaminaturi u jahseb li kien hemm min ghamillu l-bsaten fir-roti.

Qal li hu ma ntghazilx minhabba d-diskriminazzjoni politika minhabba li dejjem gie injorat mill-kumpanija anki meta applika biex imur quddiem il-Bord ta' l-Ingustizzji tal-kumpanija stess. Semma li hu qatt ma baghat xi follow up jew reminder ta' l-ittra li bghatt biex jidher quddiem il-Bord. Qal li ma setax jaccetta l-fatt li kull meta applika qatt ma ntghazel meta hu qatt ma kellu rapporti kontrih. Fl-1992 meta applika ghal Officer Accounts u ma giex mghazul hu ma appellax minn dik id-decizjoni.

Semma li biex issir Assistant Officer wahda mir-rekwiziti kienet id-Diploma IATA izda wkoll irid ikollok tlett snin esperjenza fit-ticketing liema esperjenza r-rikorrent ma kellux izda din ir-rekwizit harget wara t-talba tieghu. Qal li mhux bilfors li biex tinghata promozzjoni jew transfer irid ikun hemm sejha ghall-applikazzjoni ghax gieli gew trasferiti minghajr sejha ghall-applikazzjoni. Meta talab biex imur is-Sales Office kienet harget sejha ghall-applikazzjoni izda hu ma kienx applika peress kienet ghan-nies minbarra. Ir-rikorrent qal li ma jistax jorbot lill-Airmalta li titrasferieh skond it-talbiet tieghu pero` l-kumpanija meta jkollha nies kwalifikati jmissha tiehu hsiebhom. Hu talab biex jigi trasferit is-Sales Office peress li xtaq ikompli jahdem bix-xift u staggered duty kif diga` kien qed jaghmel.

Esebixxa rakkomandazzjoni li kienet saret meta kien fil-cabin crew bid-data tal-5 ta’ Ottubru 1987 u l-applikazzjoni ghall-courses bid-data 29 ta’ Settembru 1995. Dan esebih biex juri li hu kien juri interess fil-courses tal-kumpanija mhux bhal ma nghad minn naha tal-kumpanija.

Xehed Dr. Joseph Farrugia li ikkonferma li f’Gunju 1992 kienu hargu xi sejhiet ghal Assistant Officer Flight Services izda ma rrizulta mill-ebda dokument jekk kienx sar written exam u jekk gewx ippubblikati l-marki. Kull ma hemm huwa d-dokument esebit a fol 12 tal-process u qal li llum m’hemm hadd li qieghed f’posizzjoni li jirrispondi jekk kienx hemm written exam jew le u jaghti informazzjoni fuq dan ir-written exam. Rigward l-ezami ta’ l-1993 ikkonferma li kien sar written exam kif jidher mid-dokument a fol 13 tal-process.

Qal li wara l-elezzjoni ta’ l-1987 ir-rikorrent kien gie trasferit mill-cabin crew ghas-sezzjoni tal-finanzi izda hu ma kellux sehem fid-decizjoni li jigi trasferit. Ftakar li r-rikorrent kien applika darbtejn fl-1989 u fl-1990 ghall-Cabin Crew u qal li ma giex maghzul jew ghax ma kienx tajjeb ghal dak il-post jew inkella ghax kien hemm min hu ahjar minnu. Sostna li r-rikorrent minflok ma kien tkecca fl-1987, il-probation period kien gie estiz ghall-tliet xhur ohra u dan il-fatt ma kellux bearing jekk jigiex maghzul

ghal cabin crew jew le. L-uniku kriterju biex tigi maghzul ghal cabin crew kien jekk inti kontx tajjeb biex tigi maghzul jew le u r-rikorrent ma kienx l-uniku wiehed li ma giex maghzul.

Dr Farrugia qal li kull min gie ghall-interview u ntghazel zgur li kellu r-rekwiziti kollha li kienu rikjesti nkluz it-tliet snin esperjenza. Dak iz-zmien lin-nies kienu haduhom minn barra u mhux mill-AirMalta u ma dahlux nies mis-Sales Department li kienu mill-AirMalta stess. Zied jghid li wara kienu taw l-opportunita` lill-impjegati ta' l-AirMalta biex jekk dawn igibu d-Diploma tal-IATA u jkollhom esperjenza, jahdmu f'booking office u jinghataw l-opportunita` li jiehdu promozzjoni u fil-fatt kienu nghataw promozzjonijiet fir-rigward ta' dan. Ix-xhud cahad li kull haga li talab ghaliha r-rikorrent jekk kienet sejha ghall-applikazzjoni, jekk xewqa ta' trasferiment u kull haga ohra li applika ghaliha dejjem giet michuda. Semma li r-rikorrent kien applika ghall-grad ta' Accounts Officer u kien applika wkoll ghal zewg postijiet li ma kellu ebda esperjenza fihom. Qal li r-rikorrent kien fid-Dipartiment tal-Finanzi u gie trasferit fil-Passenger Handling kif ried hu u f'sistema ta' shift. Meta r-rikorrent ried imur fis-Sales Office il-kumpanija iddecidiet li ddahhal nies b'esperjenza aktar milli kellu hu.

Semma li malli giet estiza l-probation period tar-rikorrent, dan gie meqjus li kien "not suitable for flight services" u "to perform light duties." L-intenzjoni tar-rikorrent li jahdem fis-Sales Department kienet li jahdem fuq ix-shift u li jiehu l-promozzjoni. Esebixxa l-appraisal report tar-rikorrent li kien sar fl-1996 jirreferi ghas-sena 1995. Esebixxa wkoll zewg dokumenti li juru li r-rikorrent kien naqas li jattendi ghal diversi korsijiet li kienu organizzati mill-kumpanija. Semma li dawn il-courses kienu obbligatorji u x-xhud sostna li l-impjegati li jkunu ntbaghtu ghal dawn il-korsijiet, jattendu. Fir-rigward ta' dawn il-courses ir-rikorrent kien gie mibghut mil-Finance Department fejn kien jahdem hu. Qal ukoll li ma jittiehdux passi dixxiplinari fir-rigward ta' dak l-impjegat li jonqos li jattendu ghal courses pero` jista' jkun li jittiehed in konsiderazzjoni fl-appraisal report.

Xehed Frederick Michael Westacott wiehed mill-membri tal-bord li semma li fl-1987 kien Manager Flight Services u li r-rikorrent kien fost 37 li dahal bhala cabin crew u nghata probationary period. Qal li f'dan il-probationary period ikollu kummenti u rapporti minghand il-pursers u hu wara li jarhom jagixxi u wara dan kien irrakomanda li r-rikorrent ikun grounded. Ma ftakarx jekk qabel gie grounded kienx tah xi warning jew xi rapport fir-rigward ta' xogholu u qal li seta' inghata warning minn nies li kienu jahdmu tahtu. Ix-xhud ma eskludiex li r-rikorrent ma kienx inghata warning u l-anqas ircieva xi haga bil-miktub izda r-rikorrent kien gie grounded fuq il-kummenti u r-rapporti li kienu ghamlu n-nies li kienu jahdmu fuqu.

B'referenza ghal Dok AT1 qal li dak id-dokument hu ma rahx, ma jiftakrux u mhux iffirmat minnu. Kien is-Sur Titley li kitbu u ffirma u dan ikkwota fuq kumment li qallu passiggier u ghamel referenza ghal crew shih in generali. Qal li rakkomandazzjoni bhal din tissejjah generali ghax ma jkun hemm ebda referenza ghal isem ta' xi hadd partikolari mill-cabin crew u qal li tajba jew hazina, rakkomandazzjoni bhal din meta tkun generali, tohrog ghall-crew kollu, anke jekk fil-kaz li tkun complaint tohrog ghall-crew kollu. Westacott qal li hu kien f'diversi boards u bhala Manager Flight Services kien ikun dejjem prezenti bhala membru fil-bord izda ma ftakarx l-istanza partikolari meta kien deher ir-rikorrent quddiemu. L-unika darba li ftakar li r-rikorrent kien deher quddiemu u hu kien membru fil-bord, ma kienx ghall-grad ta' cabin crew, izda kien ghall-grad ta' F.S.O. li kien sar fl-1992.

Semma li l-ezami kien jikkonsisti kemm f'written u kemm f'interview u hu waqt l-interview kien tah 12-il marka u qal li dak il-hin ma kienx jaf il-marki li r-rikorrent gab fir-written exam. Ikkonferma Dok A u qal li kien intghazel Anthony Calleja peress li dan kien diga' qed jaghmel dak ix-xoghol li dak il-grad jehtieg. Qal li s-Sur Farrugia li kien ukoll membru fuq il-bord, kien jaf x'inhuma r-rizultati tar-written exam, izda hu u s-Sur Warrington ma kienux jafu. Semma li hu sar jaf bil-marki totali li ottjenew il-kandidati meta gie muri d-dokument Dok B, u ffirma ghalih.

Qal li meta ghamel rakkomandazzjoni biex ir-rikorrent jigi trasferit fis-sezzjoni tieghu dan ghamlu fuq rakkomandazzjonijiet tas-Supervisors u mhux bl-addocc. Zied jghid li hu qatt ma staqsa domandi lir-rikorrent in partikolari biex jaqtaghlu qablu ghax ikun hemm lista ta' domandi u l-istess domandi jigu mistoqsija lil kull applikant. Semma li hu qatt ma kien jaghti kaz tal-politika u qatt m'ghamel distinzjoni fir-rigward ta' politika. Qal li hu ma jafx x'kulur politiku kellu r-rikorrent ghax qatt ma ddiskuta mieghu dwar il-kulur politiku.

Il-komportament tar-rikorrent waqt l-interview kien introversial hafna, he wasn't smiling u ma kienx komunikattiv. Qal li hu jimmagina li r-rikorrent kien mar tajjeb f'dan l-ezami ghax huwa xorta kellu esperjenza mal-FSO's. Sostna li r-rikorrent nizel minn Cabin Crew minhabba his introversial character u dan peress li dak ix-xoghol huwa xoghol fejn il-hin kollu inti ghandek kuntatt dirett man-nies u ghalhekk trid tikkomunika man-nies il-hin kollu. Semma li l-fatt li wiehed ikun jahdem fil-Passenger Handling ma jfissirx awtomatikament li jkun tajjeb ghal Cabin Crew.

Xehed Michael Warrington li kkonferma li kien membru tal-bord u kkonferma wkoll il-firma tieghu fuq id-dokument esebit a fol 12. Semma li dahal ma' l-Air Malta f'Novembru 1992 bhala Assistant Financial Controller u dan kien wiehed mill-okkazzjonijiet tal-bidu meta hu kien membru tal-bord. Dwar Dok AS2 qal li din l-applikazzjoni kienet harget qabel ma dahal mal-kumpanija u kkonferma li kellu jsir kemm ezami bil-miktub kif ukoll interview ghax hekk kienet il-procedura normali dak iz-zmien.

Dwar id-dokument esebit a fol 12 fejn gew pubblikati biss il-marki ta' l-interview qal li minn dan id-dokument jidher hekk izda li kien isir huwa li l-marki tar-written examination kienu jigu evalwati qabel u ma setax jghid jekk dak kienx ir-rapport finali. Qal li waqt l-interview hu ma kellux il-marki tar-written examination u qatt ma kien rahom. Rigward tas-Sur Calleja qal li kien promoted dejjem on the basis of the interview, minn dak li evalwaw. Dwar ir-rikorrent qal li kien sar jafu fl-Airline Company izda ma jafx

x’kulur politiku kellu. Dwar ir-written exam qal li ma jiftakarx jekk kienx sarx jew le u qal ukoll li jekk ma sarx kien outside the norm. Qal li l-marka li ta lir-rikorrent kienet l-evalwazzjoni li ta waqt l-interview.

Xehdet Rita Taylor East Manger Human Resources fejn semmiet li r-rikorrent dahal ma’ l-Airmalta fl-1987 u ghamel ftit taz-zmien bhala cabin crew. Qabel mar bhala cabin crew l-ewwel xahar kien ghamlu l-PHS. Il-probation period giet extended u kien gie grounded wara li gie cabin crew u kien intbaghat il-Finanzi. F’Jannar 1993 kien gie posted fil-Cash Handling Department ghal tlett xhur. Meta spicca dan id-Dipartiment tal-Cash Handling, ir-rikorrent kien baqa’ xorta fis-Section tal-Passenger Handling fejn kien baqa’ on shift duties u kien ha l-allowances kollha li kien qed jiehu qabel. F’Novembru 2000 kien applika ghal post bhala Flight Services Assistant Officer u kien intaghzel u ghadu hemm sal-gurnata tal-lum.

Ghall-habta ta’ Novembru 1992 ir-rikorrent kien clerk fil-Flight Services fil-Finanzi u kien applika ghal Officer Assistant tal-Flight Services. Qalet li l-esperjenza tax-xoghol mis-sezzjoni tal-Finanzi ghas-sezzjoni tal-Flight Service kienet differenti u dak li kien intaghzel kien mill-Flight Service stess u kien ilu jahdem hemmhekk. Dwar Dok A qalet li dak kien ir-rizultat ghall-ewwel ilment tar-rikorrent. Spjegat li l-persuna li ried jintaghzel ghal dak id-Dipartiment fil-Field Service ried ikun persuna bil-kwalitajiet li jkun jaf jihhendilja dawn il-persuni. Semmiet li fuq l-interview kien hemm Mr Westacott, Professur Harper kif ukoll Dr Joe Farrugia.

Ikkonfermat li r-rikorrent kien applika ghal grad ta’ Assistant Officer fis-Sales Office permezz ta’ ittra li kien indirizza lil kumpanija u qalet izda li l-procedura ma kenitx hekk. Il-procedura kienet li trid tohrog cirkolari u jkun hemm sejha ghall-applikazzjoni imbaghad l-impjegati li japplikaw ghaliha u l-ewwel isir l-ezami u imbaghad l-interview. Qalet li l-proceduri jittiehdu mill-kumpanija u jekk ma jkunx hemm nies addatati ghal dak il-post biss ikun jista’ jintaghzel bniedem minn barra l-kumpanija.

Semmiet li l-kumpanija kienet baghtet ittra biex tinforma lir-rikorrent li ma kienx hemm vakanza u ma setax jigi kkonsidrat ghal dan il-post. Qalet li meta eventwalment harget is-sejha ghall-applikazzjoni l-Kumpanija riedet nies u l-aktar rekwizit importanti kien li jkollu tlett snin esperjenza f'dak ix-xoghol kif ukoll l-ezamijiet fir-rigward tar-reservations u ticketing. Sostniet li r-rikorrent ma kellux esperjenza f'dak il-qasam u ghalhekk ma ssodisfax dak il-kriterju.

Ix-xhud qalet li ilha ma' l-Airmalta xi sitt snin u ghalhekk qed tixhed fuq id-dokumenti li jinsabu fil-file. Qalet li normalment ikun hemm bord li jigi mahtur ghall-ezami u jkun hemm chairman tal-bord li jipprepara l-karti ta' l-ezami u jikkoregi l-istess ezami. Dak iz-zmien ic-chairman tal-bord kien is-Sur Micallef. Semmiet li l-ahhar kolonna ta' Dok B huma l-marki ta' l-ezami tar-written. Qalet li hi kienet fl-interviewing boards ukoll u l-procedura dejjem hekk saret.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta dwar il-fatt li ma hax il-promozzjoni ghall-Assistant Officer Flight/Field Services fit-30 ta' Gunju 1992 u fl-14 ta' Settembru 1993 kif ukoll li ma hax il-hatra ghall-Assistant Officer fis-Sales Office wara l-1994.

A] **Nuqqas ta' promozzjoni ghall-Assistant OfficerFlight/Field Services.** Ir-rikorrent isostni li hu kien imur tajjeb fl-ezami u hu kien haqqu jsir u kien hemm min kien anqas kwalifikat minnu jew kellu anqas seniority minnu u sar izda bhala stat ta' fatt ma indika lill-hadd b'ismu minn dawk li saru. Is-socjeta` intimata ssostni li kienu saru interviews u r-rikorrent ma nghatax din il-kariga minhabba li kandidati ohra gabu marki aktar minnu kif jidher mid-dokument a fol 12 u 13 tal-process. Jirrizulta in fatti illi b'referenza ghall-ewwel wiehed, ir-rikorrent spicca fil-hames posizzjoni b'37 marka waqt li dawk li gew qablu gabu 115, 58 u 47. Huwa interessanti wkoll il-fatt li l-marki gew allokati minn tlett persuni u cioe` M Westacott, M Warrington u J P Farrugia u fil-kaz tat-tlieta li huma hadd ma tah aktar minn 12-il marka. Ir-rikorrent ma gab ebda

prova li persuni li fil-fatt hadu l-hatra kellhom seniority anqas mir-rikorrent u l-anqas li kellhom kwalifiki anqas minnu. Fit-tieni interview ghalkemm Westacott u Farrugia baqghu l-istess ma kienx hemm aktar Warrington izda Harper. F’dan l-interview ir-rikorrent spicca fit-tnax-il post b’total ta’ 91 marka waqt li dak li gie l-ewwel kellu 157 u l-marki jibqghu niezlin kif jidher a fol 13 tal-process. Interessanti hu li Aldren Cassar li fl-ewwel ezami gab total ta’ 31, fit-tieni ezami gab 110 u li Alex Hamilton li fl-ewwel ezami gab 26 fit-tieni ezami gab 126. Izda r-rikorrent f’ebda stadju tal-process ma pprova li saret xi haga irregolari da parti tal-kumpanija intimata u ghalhekk jilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-istess kumpanija dwar dan l-aspett ta’ l-ilment.

B] **Hatra ta’ Assistant Officer fis-Sales Office.** Ir-rikorrent jilmenta li ghalkemm hu ottjena d-Diploma IATA xorta wahda ma nghatax il-promozzjoni u t-trasferiment ghal dik is-sezzjoni ghalkemm hu ghamel talba bil-miktub f’dan ir-rigward. Is-socjeta` intimata sostniet li l-fatt li wiehed jottjeni diploma ma jaghtix dritt awtomatiku lil dik il-persuna li tkun promossa bhala Assistant Officer fis-Sales Office. Fil-kors tal-kawza rrizulta li r-rikorrent ma kellux esperjenza fil-qasam ta’ l-Airline Ticketing. Inoltre r-rikorrent ma semma ebda sehja ghal applikazzjonijiet ghal din il-kariga u huwa naturali li minghajr is-sejha r-rikorrent ma setax jigi mahtur. Issa r-rikorrent sostna li kien hemm kazijiet meta persuna giet mahtura ghalkemm ma hargux applikazzjonijiet izda f’ebda stadju ma indika lill-hadd specifikatament li gie mahtur ghalkemm ma kienux hargu applikazzjonijiet. It-Tribunal inoltre jhoss li f’suggett bhal ma hu s-Sales Office l-esperjenza hija ta’ natura fondamentali u jista’ facilment jifhem ghaliex is-socjeta` intimata eccepiet in-nuqqas ta’ esperjenza bhala wiehed mill-motivi ghan-nuqqas tal-hatra tar-rikorrent u hawnhekk ukoll ghalhekk it-Tribunal jilqa’ wkoll l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata ghalkemm naturalment ihoss l-obbligu li jirrimarka li in segwitu ta’ l-ittra tieghu ta’ l-20 ta’ Jannar 1994 ir-rikorrent seta’ gie trasferit f’din is-sezzjoni ghalkemm minghajr ma jinghata l-hatra. Apparantement skond ir-risposta tas-socjeta` intimata f’paragrafu 6 recentement (qabel id-data tal-prezentata tar-risposta fid-

9 ta' Ottubru 1997) ir-rikorrent kien offrut il-possibilta` li jmur jahdem fis-Sales Department izda irrifjuta.

Illi ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------